**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Riksåklagaren

*Konvenut:* Zenon Robert Akarsar

**Domanda preliminari**

1) Id-domanda tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru [Deċiżjoni Qafas] tal-Kunsill, tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA ([1])).

Stat Membru jista' jirrifjuta li jeżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, li jikkonċerna l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja li ngħatat bħala sentenza unika għal numru ta' reati, meta wieħed minn dawn ir-reati ma jikkostitwixxix reat taħt id-dritt tal-Istat Membru li jeżegwixxi u l-Istat Membru tal-ħruġ ma jistax jordna li s-sentenza tiġi diviża?

Ir-reat inkwistjoni ma jikkostitwixxix reat tali kopert mill-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas li fir-rigward tiegħu r-rekwiżit ta' kriminalità doppja ma jistax jiġi applikat.

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Attunda tingsrätt (l-Isvezja) fil-21 ta' Marzu 2016 – Airhelp Limited vs Thomas Cook Airlines Scandinavia A/S**

**(Kawża C-161/16)**

(2016/C 175/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Attunda tingsrätt

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Airhelp Limited

*Konvenuti:* Thomas Cook Airlines Scandinavia A/S

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 2(g) u l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament Nru 261/2004 ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jibbenefika minn kumpens, passiġġier għandu jkollu post riżervat (jiġifieri d-dritt li jkollu l-post proprju tiegħu fl-ajruplan) jew inkella huwa biżżejjed li l-passiġġier ikun irċieva konfermazzjoni tal-prenotazzjoni tiegħu għat-titjira (jiġifieri d-dritt li jivvjaġġa fl-ajruplan)?

2) Biljett bi prezz imnaqqas għal wild li ma għandux il-post propju tiegħu matul il-vjaġġ fl-ajruplan, iżda li jivvjaġġa akkompanjati minn passiġġier ieħor, għandu jitqies li huwa għad-dispożizzjoni direttament jew indirettment għall-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Nru 261/2004?

([1]) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).